

31972L0427

L 291/156

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.12.1972

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 72/427/KEE****tad-19 ta' Diċembru 1972**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-miżurazzjoni kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku**

(72/427/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda mal-Komunità Ekonomika Ewropea u mal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika iffirmit fit-22 ta' Jannar 1972, u b'mod partikolari l-Artikolu 153 ta' l-Att anness miegħu.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni.


Billi l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1971<sup>(1)</sup> dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' dispożizzjonijiet komuni kemm għall-istrumenti tal-miżurazzjoni kif ukoll għall-metodi ta' kontroll metroloġiku jeħtieġ aġġustament tekniku bħala riżultat tat-tkabbir tal-Komunità.

Billi skond l-Artikolu 30 ta' l-Att imsemmi hawn fuq, id-Direttiva msemmija qabel għandha tkun emendata skond il-linji gwida stipulati fl-Anness II ta' dak l-Att;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

It-tpinġijiet li għalihom l-Anness II, punt 3.2.1 tad-Direttiva tal-Kunsill tas-26 ta' Lulju 1971 jirreferi, għandhom ikunu supplimentati bl-ittri neċessarji għas-sinjali UK, IR u DK skond il-mudell hawn taħt:



<sup>(1)</sup> ĠU L 202, tas-6.9.1971, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri u għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adeżjoni.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru 1972.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
T. WESTERTERP

---